



Brussell, 27 ta' Frar 2020
(OR. en)

6363/20

TRANS 78

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 69 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL DWAR L-APPLIKAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI TAD-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 95/50/KE DWAR PROċEDURI UNIFORMI GħAL VERIFIKI FUQ IT-TRASPORT TA' MERKANZIJA PERIKOLUŻA BIT-TRIQ

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 69 final.

Mehmuż: COM(2020) 69 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.2.2020
COM(2020) 69 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

DWAR L-APPLIKAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI TAD-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 95/50/KE DWAR PROĊEDURI UNIFORMI GĦAL VERIFIKI FUQ IT-TRASPORT TA' MERKANZIJA PERIKOLUŻA BIT-TRIQ

WERREJ

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL DWAR L-APPLIKAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI TAD-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 95/50/KE DWAR PROĊEDURI UNIFORMI GĦAL VERIFIKI FUQ IT-TRASPORT TA' MERKANZIJA PERIKOLUŻA BIT-TRIQ

1.	Introduzzjoni	2
2.	Rapporti mill-Istati Membri tal-UE u min-Norveġja	3
3.	Kalkolu tad- <i>data</i>	4
4.	Evoluzzjoni tal-verifikasi u r-riżultati tagħhom	4
5.	Tqabbil tad- <i>data</i>	5
5.1.	Frekwenza tal-verifikasi	5
5.2.	Tqassim tal-verifikasi skont il-post tal-oriġini	6
5.3.	Proporzjon tal-unitajiet ta' trasport mhux konformi	6
5.4.	Tqassim tal-unitajiet ta' trasport mhux konformi skont il-post tal-oriġini	6
5.5.	Frekwenza tal-immobilizzazzjoni tal-unitajiet ta' trasport	6
5.6.	Tqassim skont il-kategoriji ta' riskju	6
5.7.	Tipi ta' penali	7
6.	Konklużjonijiet.....	7

1. INTRODUZZJONI

Id-Direttiva tal-Kunsill 95/50/KE dwar proċeduri uniformi għal verifikasi fuq it-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq ġiet adottata fis-6 ta' Ottubru 1995. Din tippreskrivi li l-Istati Membri jridu jiżguraw li proporzjon rappreżentattiv ta' kunsinni ta' merkanzija perikoluża trasportata bit-triq ikun suġġett għal verifikasi speċifiċi u li l-kundizzjonijiet ta' sikurezza tagħhom ikunu konformi mal-liġijiet rilevanti. Sabiex jitwettqu l-verifikasi previsti fid-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jużaw il-lista ta' verifika stabbilita fl-Anness I tagħha u jirreferu għall-kategorizzazzjoni tar-riskju tal-ksur possibbli osservat kif stabbilit fl-Anness II tagħha.

Id-Direttiva 95/50/KE tipprevedi li kull Stat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni rapport dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva għal kull sena kalendarja u sa mhux aktar tard minn tħaxx-ix-tnax-il xahar wara t-tmiem ta' dik is-sena¹. Id-Direttiva tipprevedi wkoll li mill-inqas kull tliet snin il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva mill-Istati Membri lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill².

Ir-rapport mill-Kummissjoni huwa bbażat fuq ir-rapporti annwali li jaslu mingħand l-Istati Membri. Dan huwa s-seba' rapport dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 95/50/KE fl-Istati Membri u jkɔpri s-snin 2015-2017. L-ewwel rapport³ kien ikopri s-snin bejn l-1997 u l-1998, it-tieni rapport⁴ is-snin bejn l-1999 u l-2002, it-tielet rapport⁵ is-snin bejn l-2003 u l-2005, ir-raba' rapport⁶ is-snin bejn l-2006 u l-2007, il-ħames rapport⁷ is-snin bejn l-2008 u l-2011 u s-sitt rapport⁸ is-snin bejn l-2012 u l-2014.

Sat-30 ta' Ġunju 2009 il-kundizzjonijiet għat-trasport sikur tal-merkanzija perikoluża bit-triq kienu stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 94/55/KE⁹, kif emendata. Mill-1 ta' Lulju 2009 din ġiet imħassra u sostitwita bid-Direttiva 2008/68/KE¹⁰, kif emendata.

Id-Direttiva 2008/68/KE tkompli l-approċċ tad-Direttiva 94/55/KE fl-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet tekniċi u amministrattivi identiċi għal dawk annessi mal-*Ftehim Ewropew* dwar *it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi bit-Triq - ADR*¹¹, u tagħmilhom obbligatorji għat-trasport kollu nazzjonali u internazzjonali fl-UE. Peress li l-ADR ma fihx dispożizzjonijiet speċifiċi għall-infurzar tiegħu, dawn ġew stabbiliti fid-Direttiva 95/50/KE.

Din id-Direttiva tinkludi lista armonizzata ta' verifikasi li trid tintuża mill-Istati Membri għal dawn il-verifikasi u l-linji gwida għall-klassifikazzjoni tal-ksur. Fl-2004, ġew emendati l-Annessi tad-Direttiva¹² u mill-2005, is-sistema ta' klassifikazzjoni tal-ksur ġiet immodifikata biex tinkludi tliet kategoriji ta' riskju.

Dawn il-verifikasi uniformi jikkonċernaw l-operazzjonijiet kollha tat-trasport tal-merkanzija perikoluża bit-triq fit-territorju ta' Stat Membru jew li tiddaħħal f'dak it-territorju minn pajjiżi terzi, irrisspettivament mill-pajjiż ta' reġistrazzjoni tal-unità ta' trasport. Id-Direttiva għandha l-għan li

¹ L-Artikolu 9(1) tagħha

² L-Artikolu 9(2) tagħha

³ COM(2000) 517 final, 6.9.2000

⁴ COM(2005) 430 final, 15.9.2005

⁵ COM(2007) 795 finali, 13.12.2007

⁶ COM(2010) 364 finali, 7.7.2010

⁷ COM(2013) 815 final, 25.11.2013

⁸ COM(2017) 112 final, 6.3.2017

⁹ Id-Direttiva tal-Kunsill 94/55/KE tal-21 ta' Novembru 1994 dwar l-aprossimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri fir-rigward tat-trasport tal-merkanzija perikoluża bit-triq, ĠU L 319, 12.12.1994, p. 7

¹⁰ Id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi, ĠU L 260, 30.09.2008, p. 13

¹¹ Il-Ftehim Ewropew dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi bit-Triq li ġie konkluż f'Ġinevra fit-30 ta' Settembru 1957, kif emendat, taħt l-awspicċi tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KE).

¹² Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/112/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 li tadatta għall-progress tekniku id-Direttiva tal-Kunsill 95/50/KE (ĠU L 367, 14.12.2004, p. 23)

tiżgura li proporzjon rappreżentattiv ta' kunsinni ta' merkanzija perikoluża trasportata bit-triq jiġi vverifikat b'mod aleatorju, filwaqt li fl-istess ħin jiġi kopert porzjon estensiv tan-netwerk tat-toroq.

Bħala miżura preventiva, jew wara li jkun ġie rreġistrat ksur mal-ġenb tat-triq li jipperikola ssikurezza, jistgħu jitwettqu verifikasi wkoll fil-bini tal-impriżi. Madankollu, fid-Direttiva 95/50/KE ma hemm l-ebda rekwiżit ta' rapportar dwar dawn il-verifikasi.

2. RAPPORTI MILL-ISTATI MEMBRI TAL-UE U MIN-NORVEĠJA

Meta jagħmlu r-rapporti tagħhom, l-Istati Membri jintalbu jużaw il-kategoriji ta' riskju fl-Anness II tad-Direttiva 95/50/KE u jippreżentaw ir-rapport f'konformità mal-Anness III tad-Direttiva. In-Norveġja ppreżentat ir-rapporti annwali tagħha u talbet sabiex tiġi inkluża fir-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Ħafna mill-Istati Membri u n-Norveġja fil-biċċa l-kbira ppreżentaw ir-rapporti tagħhom fil-ħin. Uħud mir-rapporti nazzjonali ġew affettwati minn dewmien minħabba l-proċeduri amministrattivi għall-għbir, l-analiżi u t-trażmissjoni tal-informazzjoni lill-Kummissjoni, b'mod partikolari meta dawn il-proċeduri jinvolvu awtoritatiet pubbliċi differenti. Għalkemm fl-2015 is-sitwazzjoni kienet tjebet b'mod temporanju meta mqabbel mal-passat, fis-snin ta' wara ma ġiex osservat l-istess ritmu, u għalhekk il-Kummissjoni kellha terġa' ttendi t-talba tagħha lill-Istati Membri u tistedinhom sabiex itejbu l-format u l-konsistenza tad-data li trid tiġi pprovduta fil-futur.

Il-Kummissjoni rċeviet rapporti mill-Istati Membri kollha għall-perjodu kollu iżda, minkejja t-titjib kbir, mhux l-informazzjoni kollha waslet fil-format korrett. Barra minn hekk, uħud minnhom ma kinux kompluti jew imtlew ħażin, u dan wassal għal diskrepanzi u għal riżultati li mhumiex rilevanti fit-tabelli ppreżentati f'dan ir-rapport, fejn dawn huma indikati bis-sinjal "#N/A" ("mhux disponibbli"). Is-sommarju tal-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri huwa ppreżentat fl-Annessi ta' dan ir-rapport.

Ir-rapporti preċedenti tal-Kummissjoni indikaw ċerti inkonsistenzi sistematiċi fir-rapporti statistiċi tal-Istati Membri. Peress li r-rapportar uniformi mill-Istati Membri huwa kruċjali għall-kwalità, il-komparabilità u l-affidabilità tar-rapporti tal-Kummissjoni, fl-2011 il-Kummissjoni adottat rakkmandazzjoni¹³ li tfittex li ttejjeb il-kwalità ta' dawn ir-rapporti.

Wara l-publikazzjoni tar-Rakkmandazzjoni, ir-rapporti tjebe b'mod sostanzjali u ġew innutati biss xi inkonsistenzi okkażjonali u żgħar.

Uħud minn dawn l-inkonsistenzi, li għandhom it-tendenza li jonqsu, huma relatati mal-ġhadd ta' ksur skont il-kategorija ta' riskju¹⁴. Il-paragrafu 1.4 tal-anness tar-Rakkmandazzjoni tal-Kummissjoni jenfasizza li l-ksur l-aktar serju biss jenħtieġ li jiġi rrapportat anke jekk jinstabu diversi każijiet ta' ksur. Għalhekk, l-ġhadd totali ta' ksur skont il-kategorija ta' riskju jenħtieġ li jkun daqs l-ġhadd ta' unitajiet ta' trasport mhux konformi mad-dispożizzjonijiet.

Jidher li dan il-prinċipju għad mhuwiex applikat b'mod korrett f'kull Stat Membru, peress li għadhom qed jiġi rrapportati diversi każijiet ta' ksur għal kull unità ta' trasport.

Kwistjoni ewlenja oħra indirizzata permezz tar-Rakkmandazzjoni kienet il-kunċett tal-penali imposti meta jiġi identifikat ksur matul xi verifika mal-ġenb tat-triq. Minħabba d-differenzi fl-arranġamenti legali u amministrattivi xi Stati Membri ma setgħux isegwu l-eżitu tal-proċess ġudizzjarju wara verifikasi li fihom ġie identifikat ksur suspectat. Ir-Rakkmandazzjoni pproponiet kompromess komuni li jista' jintuża fl-Istati Membri kollha, jiġifieri r-reġistrazzjoni tad-deċiżjoni meħuda mill-uffiċċjal ta' infurzar wara l-verifika fuq il-post. Madankollu, Stat Membru wieħed (Franza) għadu ma jistax jirrapporta din id-data.

¹³ Rakkmandazzjoni tal-Kummissjoni tal-21.2.2011 dwar ir-rappurtar ta' verifikasi fuq it-transport ta' merkanzija perikoluża bit-triq, C(2011) 909 final

¹⁴ Id-definizzjoni tal-kategoriji ta' riskju u l-linji gwida dwar il-ksur li jappartjeni għal dawn il-kategoriji jinsabu fl-Anness II tad-Direttiva 95/50/KE kif emendata bid-Direttiva 2004/112/KE

3. KALKOLU TAD-DATA

L-Istati Membri huma mitluba jipprovdu, jekk ikun possibbli, l-istima tagħhom tal-ammont ta' trasport annwali ta' merkanzija perikoluża f'tunnellati jew f'tunnellati-kilometri li twettaq fit-territorju tagħhom. Għall-2017, kien hemm 16-il Stat Membru u n-Norveġja li pprovdew stima. Għas-snin ta' qabel, l-2015 u l-2016, 14-il Stat Membru u n-Norveġja biss ipprovdew il-kwantità totali stmata ta' merkanzija perikoluża.

Billi mhux l-Istati Membri kollha setgħu jipprovdu dik id-*data*, sabiex ikun jista' jsir tqabbil oġġettiv bejn l-Istati Membri, il-volum tat-trasport ta' merkanzija perikoluża msemmi f'dan ir-rapport huwa bbażat fuq l-informazzjoni disponibbli fil-bażi tad-*data* tal-Eurostat¹⁵. Din l-informazzjoni tintuża biex tiġi stmatà l-frekwenza tal-verifikasi fir-rigward tal-volum tat-trasport, għalkemm id-Direttiva ma tirrikjedix li jsir għadd minnu ta' verifikasi (kemm f'termini assoluti kif ukoll f%).

Madankollu, il-Eurostat ma għandu l-ebda statistika dwar Malta, peress li ngħatat deroga fir-rigward tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 70/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2012 dwar prospetti tal-istatistika rigward it-trasport ta' merkanzija bit-triq. Il-volum tat-trasport ta' merkanzija perikoluża f'Malta huwa għalhekk stmat abbażi tad-data pprovduta mill-awtorità kompetenti Maltija.

L-istatistika mill-Eurostat hija ppreżentata fl-Anness IX ta' dan ir-rapport.

4. EVOLUZZJONI TAL-VERIFIKI U R-RIŻULTATI TAGħHOM

L-Anness I jippreżenta l-evoluzzjoni tal-għadd ta' verifikasi mwettqa mill-Istati Membri, il-proporzjon tal-unitajiet tat-trasport li ma jikkonformawx mad-dispożizzjonijiet u l-proporzjon ta' ksur tal-kategorija ta' riskju I, jiġifieri l-aktar kategorija serja ta' ksur, fejn in-nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ADR joħloq riskju għoli ta' mewt, korriement personali serju jew ħsara sinifikanti lill-ambjent, u b'hekk jitlob ġhal miżuri korrettivi immedjati u xierqa, bħall-immobilizzazzjoni tal-vettura.

Fl-aħħar tat-tabella, hemm irrapportati l-medji għall-Unjoni Ewropea u l-istatistika min-Norveġja.

L-ammont ta' *data* miġbura jippermetti kemm analiżi dettaljata kif ukoll dik aggregata. Fost il-kunsiderazzjonijiet prinċipali li jirriżultaw minnhom, dawn li ġejjin jistgħu jiġu enfasizzati:

- hemm ċertu żbilanċ bejn id-data rrapporata għall-għadd ta' unitajiet ta' trasport ivverifikati u l-għadd ta' unitajiet ta' trasport li huma konformi mal-ADR. Bħala eżempju, fl-2015 il-Greċja rrapporat li vverifikat 324 unità ta' trasport, li minnhom ġie nnutat li unità waħda biss kienet tippreżenta ksur tal-kategorija ta' riskju I. Is-sitwazzjoni dehret li kienet qed titjieb għall-2016 b'6 290 verifikasi u b'39 nuqqas ta' konformità rrapporatti (jiġifieri 0,62 % tal-għadd totali ta' verifikasi), iżda għall-aħħar sena tal-perjodu ta' rapportar, l-2017, l-għadd ta' nuqqasijiet ta' konformità, jiġifieri 42, baqa' baxx īnfra meta mqabbel mal-għadd totali ta' verifikasi li żdied għal 20 870: dan jagħti rata ta' nuqqas ta' konformità ta' 0,20 %, li hija tmien darbiet aktar baxxa mill-medja tal-UE. Bħala paragun, għall-Ġermanja dawk iċ-ċifri kienu jikkorrispondu għal 11 548 nuqqas ta' konformità minn 45 961 verifikasi fl-2015, 11 137 minn 41 290 fl-2016 u 10 429 minn 40 956 fl-2017; jiġifieri rata ta' nuqqas ta' konformità ta' madwar 25 %;
 - hemm bosta Stati Membri (id-Danimarka, l-Estonja, Spanja, l-Italja, Ċipru, il-Latvja u l-Portugall) li ma rrapporaw l-ebda mmobilizzazzjoni matul il-perjodu ta' tliet snin kopert minn dan ir-rapport. Dan jiusta' jkun minħabba l-fatt li, f'xi pajjiżi, l-awtoritatiet tal-infurzar ma għandhomx setgħat biex jimmobilizzaw il-vetturi. F'każiżiet oħra (il-Greċja, il-Lussemburgu u s-Slovakkja) dan ġara biss darba fil-perjodu ta' referenza;

¹⁵ It-tabella tal-Eurostat “DS-073082”: It-trasport annwali ta’ merkanzija perikoluża bit-triq, skont it-tip ta’ merkanzija perikoluża u analizzat skont l-attività

- is-sehem tal-kategorija ta' riskju I huwa nieqes għall-perjodu kollu ta' rapportar għal Ċipru, kif ukoll għall-2016 u l-2017 għal-Litwanja, minkejja l-fatt li dan il-pajjiż tal-aħħar jirrapporta mmobilizzazzjonijiet għal dawn is-snini speċifiċi.

L-indikatur tas-sehem tal-ksur tal-kategorija ta' riskju I huwa partikolarment sensittiv għar-rapportar korrett. Jekk ġie rregħiġi aktar minn ksur wieħed għal kull unità ta' trasport, is-sehem tal-ksur tal-kategorija I huwa aktar baxx mill-valur korrett.

Fl-2015, xi Stati Membri rrapportaw inqas ksur totali milli kien hemm unitajiet ta' trasport li ma kinux konformi (eż. il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Latvja, l-Ungjerja, in-Netherlands u l-Finlandja), filwaqt li Stati Membri oħra rrapportaw aktar ksur totali milli kien hemm unitajiet ta' trasport misjuba li ma kinux konformi (eż. id-Danimarka, il-Kroazja u s-Slovakkja). Dan l-iżbilanċ baqa' fl-2016 u fl-2017. Hemm każiġiet fejn l-awtoritajiet tal-infurzar irrapportaw biss li nstab ksur, iżda ma pprovdew l-ebda informazzjoni addizzjonali dwar dak il-ksur jew dwar il-penali applikati.

L-informazzjoni mħallta li waslet dwar il-ksur totali, in-nuqqas kostanti ta' ksur tal-kategorija ta' riskju I f'ċerti Stati Membri u n-nuqqas ta' koerenza bejn ir-rata ta' nuqqas ta' konformità fil-livell tal-UE jistgħu jkunu dovuti għan-nuqqas ta' taħriġ xieraq tal-awtoritajiet tal-infurzar. Il-Kummissjoni b'dan tixtieq tinkoragiġixxi aktar skambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki f'dan il-qasam bejn l-Istati Membri.

5. TQABBIL TAD-DATA

L-għadd totali ta' verifikasi mwettqa fl-UE u fin-Norveġja matul il-perjodu inkluż f'dan ir-rapport ma kienx kostanti fuq bażi annwali, u jvarja minn 136 966 fl-2015 (meta mqabbel ma' 150 348 fl-2014) għal 133 360 fl-2016 u 144 056 fl-2017. Wieħed jista' jinnota li l-għadd ta' verifikasi naqas fl-2015 b'10,68 % meta mqabbel mal-2014, u t-tendenza li jonqsu baqgħet fl-2016, filwaqt li żieda żgħira fl-għadd ta' verifikasi setgħet tīgi osservata għall-2017 (għalkemm ma laħqitx il-livelli tal-2014).

Ix-xejriet nazzjonali jvarjaw, billi sitt Stati Membri biss (il-Greċja, il-Lussemburgo, l-Estonja, is-Slovenja, l-Irlanda u l-Iż-zejtnejha) żiedu l-għadd ta' verifikasi matul il-perjodu kopert b'dan ir-rapport b'aktar minn 25 %, filwaqt li l-Belġju, id-Danimarka, il-Kroazja, l-Italja, il-Bulgarija u r-Renju Unit urew l-ogħla tnaqqis fl-ġħadd ta' verifikasi mwettqa.

F'termini ta' ġħadd assolut ta' verifikasi fl-UE, is-sehem tal-Ġermanja kien l-ogħla fl-2015 (33,56 %), segwit mill-Polonja (14,95 %) u l-Awstrija (9,44 %). L-istess klassifikazzjoni kienet osservata fl-2016 bi 30,96 % tal-verifikasi tal-UE mwettqa mill-Ġermanja, 12,03 % mill-Polonja u 8,96 % mill-Awstrija, filwaqt li fl-2017 il-Ġermanja kellha l-ogħla sehem (28,43 %) segwita mill-Greċja (14,49 %) u mill-Polonja (11,27 %). Għandu jiġi enfasizzat li dan l-indikatur huwa relat luu l-aktar mad-daqs tal-Istat Membru.

5.1. Frekwenza tal-verifikasi

L-Anness II jagħti ħarsa ġenerali lejn il-frekwenza tal-verifikasi mal-ġenb tat-triq fl-Istati Membri għall-perjodu 2015 - 2017. Il-frekwenza hija kkalkulata bħala l-proporzjon tal-ġħadd ta' verifikasi għal kull miljun tunnellata-kilometru ta' merkanzija perikoluża trasportata f'kull Stat Membru.

Fl-2015, il-medja fl-UE kienet ta' 1,70 verifikasi għal kull miljun tunnellata-kilometru; fl-2016 din naqset għal 1,65, li jimplika li kien hemm tnaqqis annwali ta' 3 %, filwaqt li fl-2017 din iċ-ċifra reġgħet lura għal 1,75. L-ogħla frekwenza ta' verifikasi fl-2015 ġiet irregħistrata fl-Awstrija (13,94 għal kull miljun tunnellata-kilometru), fis-Slovakkja (9,04) u fl-Ungjerja (5,69), filwaqt li fl-2016 din il-klassifikazzjoni kellha fl-ewwel postijiet l-Awstrija (11,38), is-Slovakkja (8,39) u l-Greċja (7,88), biex fl-2017 għalqet bil-Greċja (14,38), l-Awstrija (10,71) u s-Slovakkja (7,09). Jista' jiġi osservat li fl-2015 il-frekwenza tal-verifikasi fl-Awstrija kienet 8,2 darbiet il-medja tal-UE, u li proporzjon simili nkiseb mill-Greċja fl-2017.

5.2. Tqassim tal-verifikasi skont il-post tal-oriġini

L-Anness III għal dan ir-rapport juri t-tqassim tal-verifikasi skont il-post tal-oriġini tal-unità ta' trasport.

Dan l-indikatur huwa affettwat mhux biss mid-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet tal-infurzar, iżda wkoll mill-ġeografija tal-Istat Membru; pereżempju fuq il-gżejjer hemm inqas tranżitu internazzjonali bit-triq. B'mod partikolari, f'dan il-perjodu ta' rapportar, Malta u Ċipru ma vverifikaw l-ebda unità ta' trasport irreġistrata barra l-UE.

Is-sehem tal-unitajiet ta' trasport irreġistrati fil-pajjiż tal-verifikasi kien ta' 63 % fl-2015, 62 % fl-2016 u 65 % fl-2017. Is-sehem tal-unitajiet ivverifikati li ġejjin minn pajjiżi oħra tal-UE kien jikkorrispondi għal 32 % fl-2015 u fl-2016, u naqas għal 29 % fl-2017, filwaqt li s-sehem tal-verifikasi li jikkonċernaw l-unitajiet irreġistrati barra l-UE kien stabbli, u jvarja bejn 5 % u 6 % skont is-sena tar-rapportar.

5.3. Proporzjon tal-unitajiet ta' trasport mhux konformi

Is-sehem tal-unitajiet ta' trasport ivverifikati li jkollhom mill-inqas ksur wieħed huwa ppreżentat fl-Anness IV.

Il-proporzjon ta' unitajiet mhux konformi mill-għadd totali ta' verifikasi kien kostanti fl-2015 u fl-2016, jiġifieri 20 %, u naqas fl-2017 għal 17 %. Xi Stati Membri (il-Bulgarija, il-Greċċa, ir-Rumanija u s-Slovakkja) irrapportaw inqas minn 5 % ta' nuqqasijiet ta' konformità kull sena, filwaqt li oħrajn ippreżentaw 0 % ta' ksur għal sena waħda (is-Slovakkja) jew sentejn (l-Italja) u Ċipru rrapporta 0 % ta' ksur għall-perjodu kollu.

5.4. Tqassim tal-unitajiet ta' trasport mhux konformi skont il-post tal-oriġini

Il-graffs fl-Anness V juru d-distribuzzjoni tal-unitajiet ta' trasport mhux konformi mad-dispożizzjonijiet skont il-post tal-oriġini tal-unità ta' trasport.

Kif ġie nnutat fil-§ 5.2 hawn fuq, il-ġeografija tal-Istat Membru taffettwa b'mod konsiderevoli dan l-indikatur ukoll (eż-żejjek minn Stat Membru periferali jistgħu jippreżentaw varjazzjonijiet sinifikanti fit-traffiku minn pajjiżi terzi).

5.5. Frekwenza tal-immobilizzjoni tal-unitajiet ta' trasport

Il-graff fl-Anness VI turi s-sehem tal-vetturi mmobilizzati fost dawk li kienu rrapportati li kellhom ksur. L-immobilizzjoni hija dovuta għall-preżenza ta' ksur tal-kategorija ta' riskju I u tfisser li l-vettura titwaqqaf sakemm jew tiġi konformi mal-ADR jew it-tagħbiha tiġi trasferita lil vettura oħra konformi mal-ADR. Kien hemm ffit varjazzjoni fir-rigward tal-frekwenza ta' mmobilizzjoni ta' unitajiet ta' trasport matul il-perjodu ta' rapportar: fl-2015 il-proporzjon tal-vetturi mmobilizzati kien ta' 28 %, u naqas għal 27 % għall-2016 u l-2017.

Bħala eżempju, l-ogħla frekwenzi ta' mmobilizzjoni fl-2015 kienu rreġistrati fin-Norveġja (67 %), fin-Netherlands (54 %), fil-Ġermanja (46 %) u fil-Litwanja (36%). Id-Danimarka, l-Estonja, Spanja, l-Italja, Ċipru, il-Latvja u l-Portugall ma rrapportaw l-ebda mmobilizzjoni bejn l-2015 u l-2017, filwaqt li s-Slovakkja bdiet tirrapporta l-immobilizzjonijiet mill-2016.

5.6. Tqassim skont il-kategoriji ta' riskju

Il-graffs tal-Anness VII juru d-distribuzzjoni tas-severità tal-ksur. Għandha tiġi rrapportata biss l-ogħla kategorija ta' riskju li ġiet identifikata matul il-verifika.

Ħafna mill-Istati Membri rrapportaw mill-inqas kategorija waħda ta' ksur għal kull unità ta' trasport ivverifikata. Madankollu, Ċipru ma rrapporta l-ebda ksur minn kwalunkwe kategorija ta' riskju għall-perjodu kollu ta' rapportar 2015-2017, filwaqt li l-Litwanja ma rrapportat l-ebda ksur għal kwalunkwe kategorija ta' riskju fl-2016 u fl-2017.

Fost il-verifikasi mwettqa fl-UE fl-2015, 40 % tal-ksur osservat kien ikklassifikat fil-kategorija ta' riskju I (riskju ta' mewt ta' livell għoli, korriġment personali serju jew ħsara sinifikanti lill-ambjent, li jeħtieġu miżuri korrettivi immedjati u xierqa, bħall-immobilizzjoni tal-vettura), 37 % fil-kategorija ta' riskju II (ksur li joħloq riskju ta' korriġment personali jew ħsara lill-ambjent, fejn madankollu jkunu

jistgħu jittieħdu miżuri korrettivi xierqa jew fil-post tal-verifikasi jekk ikun possibbli u xieraq, jew sa mhux aktar tard mit-tmiem tal-moviment attwali tat-trasport) u t-23 % li jifdal fil-kategorija ta' riskju III (ksur li jirriżulta f'livell baxx ta' riskju ta' korriġment personali jew ħsara lill-ambjent u fejn ma hemmx bżonn jittieħdu miżuri korrettivi xierqa mal-ġenb tat-triq).

5.7. Tipi ta' penali

Il-graffs fl-Anness VIII juru d-distribuzzjoni tal-penali skont l-Istat Membru.

Qabel il-pubblikazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni msemmija fil-§ 2 ta' dan ir-rapport, kien hemm diffikultajiet fundamentali fil-ġbir ta' din l-informazzjoni. Wara li ġiet ippubblikata r-Rakkomandazzjoni, is-sitwazzjoni tjiebet konsiderevolment u fil-perjodu 2015-2017 Franzia biss ma rrapporat l-ebda statistika dwar il-penali.

Bħala eżempju, matul l-ispezzjonijiet imwettqa fl-UE fl-2015 inhārgu 3 216-il każ ta' twissija; f'14,446 każ, ġew imposti multi, filwaqt li 2 777 każ wasslu għal penali oħra, inklużi proċessi ġudizzjarji kriminali u amministrattivi. Fi kliem ieħor, fil-livell tal-UE f'termini ta' perċēntwali l-ksur li nstab wassal għal multi f'71 % tal-każijiet, għal każijiet ta' twissija fi 17 % u għal penali oħrajn fi 13 % tal-każijiet (għalkemm b'varazzjoni kbira bejn l-Istati Membri).

6. KONKLUŻJONIJIET

Id-Direttiva 95/50/KE ġiet trasposta fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri mill-1 ta' Jannar 1997. Id-dettalji tad-dispozizzjoniżiet ta' rapportar ġew emendati fl-2004 u saru applikabbli fl-14 ta' Diċembru 2005. Wara ċerti inkonsistenzi sistematiċi fir-rapportar, fl-2011 il-Kummissjoni ppubblikat Rakkomandazzjoni dwar din il-kwistjoni.

L-aħħar rapporti juru biċ-ċar tnaqqis moderat mill-2014 fl-ġhadd ta' verifikasi. Meta mqabbel mal-perjodu ta' referenza tar-rapport preċedenti (2012-2014), jidher biċ-ċar li l-ġhadd ta' verifikasi rrapporat naqas fl-2015 għal total fl-UE kollha ta' 136 966. Tnaqqis ieħor fit-total tal-UE għal 133 360 jista' jiġi osservat fl-2016, filwaqt li ġiet irregjistrata żieda żgħira għall-2017, jiġifieri 144 056. Madankollu, dan l-irkupru għadu lura meta mqabbel maċ-ċifri għall-2014 b'150 348 verifikasi, u huwa ferm aktar baxx meta mqabbel mal-2006 b'244 710 verifikasi jew mal-2007 b'285 466 verifikasi¹⁶ (jiġifieri l-ewwel snin ta' referenza li għalihom hemm disponibbli d-data tal-EU27).

Matul il-perjodu ta' referenza ta' dan ir-rapport, l-ġhadd ta' każijiet ta' ksur baqa' relattivament stabbli: fl-2015, waħda minn kull ħames verifikasi tat konferma jew suspect ta' ksur fit-trasport ta' merkanzija perikoluża, filwaqt li fl-2017 kien hemm waħda minn kull 5,8 verifikasi. Bħala ċifri, dan jikkorrispondi għal 79 103 minn 417 343 verifikasi totali mal-ġenb tat-triq imwettqa fl-UE u fin-Norveġja fit-tliet snin koperti b'dan ir-rapport.

F'40 % tal-każijiet meta ġie identifikat xi ksur, dan kien tat-tip l-aktar serju. Konsegwentement, 7 442 vettura ġew immobilizzati fl-2015, 7 282 fl-2016 u 6 706 fl-2017.

Għandu jiġi nnutat li l-ġhadd kbir ta' ksur irrapportat mill-Istati Membri jista' jkun dovut ukoll għall-politika ta' verifikasi mmirata tagħhom, li għandha l-għan li tidentifika u tissanzjona lill-operaturi tat-trasport li għandhom l-agħar prestazzjoni sabiex tiġi massimizzata l-effiċjenza tar-riżorsi skarsa disponibbli. Dan jimplika li l-istatistika ppreżentata tista' ma tkunx kompletament rappreżentattiva tas-suq tal-UE għat-trasport ta' merkanzija perikoluża, li fil-prattika jkun ħafna aktar sikur milli jidher mid-data rrapportata.

Fil-qosor, kif mitlub mid-Direttiva 95/50/KE, l-Istati Membri kollha jwettqu verifikasi fuq il-vetturi li jittrasportaw merkanzija perikoluża bit-triq, u b'mod ġenerali jirrapportaw dawn il-verifikasi b'mod pjuttost preċiż. Madankollu, għad hemm xi inkonsistenzi u l-Kummissjoni qed tkompli bl-isforzi tagħha biex tiżgura li r-rekwiżiti ta' rapportar skont id-Direttiva 95/50/KE jiġu rispettati, u li l-konformità titjieg b'mod progressiv kull sena.

¹⁶ COM(2010)364 final, paġna 10

Fid-dawl tad-*data* rrapporata u tal-analiżi tagħha ppreżentata f'dan ir-rapport, tista' tīgi osservata tendenza ġenerali ta' tnaqqis fl-ġħadd ta' verifikasi annwali mwettqa mill-Istati Membri, kif ukoll problema persistenti fil-mod kif isir ir-rapportar.

Billi huwa fl-interess tal-Istati Membri li jidentifikaw u jevitaw kwalunkwe periklu li jista' jinqala' fit-trasport ta' din il-merkanzija, il-Kummissjoni txitiegħi theggex aktar investiment f'dan il-qasam, b'mod partikolari biex jitjieb it-taħriġ tal-awtoritatiet tal-infurzar u l-iskambju tal-għarfien espert u tal-aħjar prattiki.